Minuti tal-Laqgħa Nru.18 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Settembru 2008 fis-1.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Camilleri |

**L-Uffiċjali:**
Is-Segretarju Eżek. Is-Sur Michael Borg

**Skużati:** Is-Sur Victor Caruana
Is-Sur Joe Piscopo A.Mus.L.C.M
Is-Sinjura Luċia Massa

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mozzjonijiet
5. Ħlasijiet

Kunsill Lokali - Luqa - Local Council
49, Triq San Pawl
Luqa LQA 03

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 17 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna u ssekondata minn Dr Frank Psaila.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva ittra waħda, dik tas-Sur Silvio Schembri li qiegħed joffri volontarjament is-servizzi biex jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali Luqa fl-Agenzija GAL. Id-data ta' l-għeluq kienet dik ta' l-aħħar f'Awissu 2008 u l-ittra tas-Sur Schembri kienet l-unika waħda li daħlet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li s-Sur Silvio Schembri jidher li għandu r-rekwiżiti meħtieġa għal din il-funzjoni peress li fl-istudji universitarji tiegħu għamel it-tezi "The Formation of Local Action Groups to optimize EU funding in Malta."

2.2 Wara li evalwa l-ittra tas-Sur Schembri, il-Kunsill approva n-nomina tiegħu fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Scicluna ssekondata mis-Sur Joseph Camilleri.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resumé tal-korrispondenza kollha li daħlet sad-19 ta' Settembru 2008 fosthom :

a) Memo mid-Dipartiment tas-Saħħa dwar il-kampanja ta' tilqim għal kontra l-influwenza;

b) Memo 24/2008 tad-DGL li titlob għal informazzjoni dwar vetturi u oġġetti tal-ħadid mitluqin fil-lokalita'.

c) Ittra mill-Assoċjazzjoni Trasport Pubbliku li titlob lill-Kunsill biex jagħmel *double yellow* line fi Triq il-Ġdida k/m Triq Dun Pawl, jitneħħew żewġ ħadidiet li hemm fi Triq ir-Rixtellu, u jiċċaqlaq il-*Bus Stop* minn ħdejn l-iskola ħalli l-karozzi tal-linja jiffunzjonaw aħjar.

d) Ittra mill-ADT li tinforma li ċaħdet it-talba tal-Kunsill biex parti minn Triq il-Karmnu ssir *one-way;*

e) Ġie nnotat Memo 22/2008 tal-DGL dwar Aċċessibilita' fil-Bini tal-Kunsill Lokali;

f) Ġiet innotata ittra ta' li *Speeker* tal-Kamra tar-Rapprezentanti Dr. Louis Galea li tistieden lis-Sindku u lill-Viċi Sindku biex jattendu laqgħat tal-Kumitat Magħżul tal-Kamra.

g) email mill-AKL dwar il-laqgħa tal-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex li se ssir is-Sibt, 18 ta' Ottubru 2008 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi;

h) Memo 23/2008 tal-DGL dwar ħatriet ġodda tas-Segretarji Eżekuttivi mal-Kunsilli Lokali. Dawn il-ħatriet qegħdin jiġu ffriżati b'effett immedjat peress li għadu għaddej il-proċess tar-riforma tal-Kunsilli Lokali.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sad-19 ta' Settembru 2008.

- Ġew ippreżentati wkoll tliet kwotazzjonijiet għax-xiri ta' PA System għall-Kunsill. Madankollu dawn ma setgħux jiġu diskussi peress li l-persuna nkarigata (is-Sur Joseph Piscopo) ma kienx preżenti.

## 4. MOZZJONIJIET

4.1 Kien hemm mozzjoni waħda, dik tas-Sindku John Schembri ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna li tgħid: **l-Kunsill japprova li, bil-kolloborazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa, tingħata t-tilqima ta' kontra l-influwenza lill-anzjani u lil dawk kollha li jikkwalifikaw għaliha fir-raħal tagħna.**

4.1.i Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

## 5. ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sad-19 ta' Settembru 2008 u li lista

tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv. Għal dawn il-ħlasijiet kien hemm astenzjoni waħda, dik ta' Dr Frank Psaila.

- Peress li ma kienx hemm *items* oħra x'jiġu diskussi, fis-2.20 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

- Konfermati llum 21 ta' Ottubru2008

_______________

_________________

John Schembri Michael Borg
Sindku
Segretarju Eżekuttiv